

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 74/2022**tat-18 ta' Marzu 2022****li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/1142]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/186 tal-10 ta' Frar 2022 li jstabbilixxi informazzjoni teknika għall-kalkolu tar-riżervi tekniċi u l-fondi proprji bażiċi għar-rapportar b'dati ta' referenza mill-31 ta' Diċembru 2021 sat-30 ta' Marzu 2022 f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assikurazzjoni u tar-Riassikurazzjoni (*) għandu jiġu inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 1zr (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1964) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"1zs. **32022 R 0186:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/186 tal-10 ta' Frar 2022 li jstabbilixxi informazzjoni teknika għall-kalkolu tar-riżervi tekniċi u l-fondi proprji bażiċi għar-rapportar b'dati ta' referenza mill-31 ta' Diċembru 2021 sat-30 ta' Marzu 2022 f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assikurazzjoni u tar-Riassikurazzjoni (ĠU L 30, 11.2.2022, p. 7)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/186 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Marzu 2022, dment li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2022.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Nicolas VON LINGEN

(¹) ĠU L 30, 11.2.2022, p. 7.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.